**Kunsill Lokali San Ġwann**

Laqgħa Annwali 2022
28 ta' Frar 2022

Nilqagħkom hawn illejla għat-tielet AGM ta' din it-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann.

Nixtieq nibda billi nirringrazja lill-membri tal-Kunsill li flimkien jaħdmu u jiddedikaw il-ħin tagħhom għal-lokal tagħna.

Dan il-Kunsill għaraf l-importanza ta' infrastruttura tajba. Tul is-sena, saru diversi xogħlijiet infrastrutturali. Dawn jinkludu resurfacing ta' Triq Ta' Żwejt, fejn ġew imwessgħajn il-partijiet id-dojoq, bankini ġodda u kulverts ġodda. Sar manutenzjoni fuq numru ta' bankini u ttieħdu inizjattivi biex il-lokal tagħna jkollu aċċessibbiltà tajba. Eżempju ta' dan huwa x-xogħol li sar f'Misraħ Lewza. Twessgħet Triq in-Naxxar quddiem l-għassa tal-pulizija. Din il-parti tat-triq kienet toħloq bottleneck għat-traffiku. Inħoloq spazju rikreattiv ġdid fi Triq Ibiskus u sar embellishment fil-Ġnien 11 ta' Frar f'Ta' Żwejt.

Bla dubju, din l-aħħar sena, l-impatt tal-Covid-19 inħasset minn kulħadd. Il-Kunsill kompla bil-ħidma tiegħu fejn kompla joffri s-servizzi. Komplejna bis-servizz ta' trasport għall-anzjani. Dan is-servizz ġie apprezzat ħafna mill-anzjani tagħna. Is-servizz tal-Podologist u tan-Nurse, fejn isir il-monitoring tal-pressjoni u z-zokkor, kompla għaddej. L-uffiċċju tagħna kien miftuħ għat-tilqima ta' kontra l-Covid. Komplejna bil-ħidma tal-Club 55+. L-FSWS iqassmu l-FEAD food boxes għal persuni fil-bżonn ukoll mill-uffiċini tagħna. Ħdimna fil-qrib mal-għaqdiet lokali. Dawn jinkludu ftehim mal-Għaqda Madonna ta' Lourdes, fejn il-Kunsill iffinanzja slitta u l-Għaqda tipprovdi s-servizzi tagħna għal parade għal żmien il-Milied. Il-Kunsill daħal fi ftehim mal-Parroċċa ta' San Ġwann fejn il-Kunsill ser jiffinanza r-restawr tat-Titular tal-Knisja. Saru diversi kollaborazzjonijiet u għajnuniet mal-Klabb tal-Football, mal-Għaqda tan-Nar u mal-Kumitat Festa Esterna. Fi żmien l-Ghid sar investiment konsiderevoli biex saret attività Lumine, fejn in-nies setgħu jsegwu l-passjoni, Via Sacra, mis-sigurtà tal-karozza tagħhom minkejja l-Covid. Fi żmien il-Milied, kompla sar aktar investiment u kompla jiżdied it-tiżjin tal-Milied u saret ukoll attività San Ġwann Christmas Story b'element ma' inklussività. Saret ħidma kbira fis-settur tal-animal welfare fejn ittiedu numru ta' inizjattivi.

Fis-settur tal-ambjent, il-Kunsill ta' San Ġwann kien proattiv ukoll, twaħħlu numru ta' CCTV mal-Ibins, żdiedu n-numru ta' kenniesa fil-lokal, ġie ngaġġat Contracts Manager

fejn jissorvelja l-ħidma tal-kuntratturi tal-Kunsill. Tħawwlu numru ta' siġar madwar il-lokal, ipparteċipajna f'Eko Skola u Earth Hour u sar moniteraġġ fuq il-widien tagħna u meta kien hemm il-bżonn irreġistrajna oġġezzjoni fuq applikazzjoni għal żvilupp f'dawn il-widien. Saru diversi charging points għal karozzi li jaħdmu bl-elettriku, saru bus shelters ġodda u sar Seminar dwar l-użu ta' trasport alternattiv bl-istake holders preżenti.

Il-Kunsill kompla bil-ħidma regolari tiegħu wkoll. Dan jinkludi tabelli u sinjali tat-toroq, tibdil ta' bozoz maqtughin, installazzjoni ta' bozoz ġodda. Qed nippreparaw ukoll għal ġnien ġdid f'tal-Propostru u qed isiru preparamenti għal oħrajn fi Triq il-Kampanella u r-reconstruction ta' Ġnien Ġorġ Zarb.

Saru inizjattivi oħra bhal dik ta' Għaqal id-dar, virtual tour ta' numru ta' siti fil-lokal, twaħħil ta' numru ta' street furniture bħal bankijiet u bins. Ġiet ukoll organizzata attività sportiva flimkien ma' SportMalta.

Il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann ser ikompli bil-ħidma tiegħu din is-sena kurrenti, b'attenzjoni partikolari fuq l-ambjent, spazji miftuħa, aċċessibbiltà u l-infrastruttura. Ħdimna bl-għan li nsaħħu l-lokal tagħna billi nkunu qrib mal-għaqdiet lokali, mal-komunità reliġjuża tagħna u mar-residenti tagħna.

Nagħlaq billi nerġa' nirringrazzja lill-membri u l-istaff kollu tal-Kunsill għall-ħidma tagħhom kif ukoll lilkom ir-residenti tal-kooperazzjoni u tal-kuraġġ li ttuni. Infakkar li flimkien naslu dejjem.

Grazzi

Trevor Fenech
Sindku